MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1814/1999/1

**Nathalie Vella**

**vs**

**Mario Vella**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Settembru 1999 *(corregge: 1994)* fil-Knisja ta' Hal Far u dan kif jirrizulta mill-anness Dokument "A".

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid da parti tal-konvenut kif ukoll inkompatibbilta' ta' karattru.

Illi miz-zwieg twieled tifel, ossia Redeemer ta' erba' snin.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond' Awla tal-25 ta' Mejju 1999, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dokument "B", biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Takkordalha l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri fuq imsemmi.

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifel minuri taghha.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet, applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 9 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici datat 27 ta’ Marzu 2000 fejn talbet li l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex in-notifika lill-konvenut issir wara l-hinijiet legali, liema talba giet milqugha b’digriet tal-Qorti tas-6 t’April 2000.

Rat il-verbal tad-19 ta’ Mejju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta’ Gunju 2000 a fol. 20 fejn gie eccepit:-

1. Illi rigward l-ewwel talba attrici, l-esponenti jaqbel li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, pero’ qed jigi kontestat ir-raguni ghat-thassir taz-zwieg u dana billi l-esponenti jikkontendi li z-zwieg tkisser irrevokabilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghalhekk m’ghandux ibaghti l-ispejjez;

2. Illi rigward it-tieni talba attrici, l-esponenti qed jikkontesta billi jsostni li l-attrici m’hix kapaci li tiehu hsieb tat-tifel u minhabba l-ambjent li tghix fih l-attrici mhux fl-ahjar interess tat-tifel li jghix ma’ ommu u f’dan il-kaz il-kura u kustodja ghandha tigi fdata f’idejn l-esponenti, ukoll f’dan il-kaz m’ghandux ibaghti l-ispejjez;

3. Illi rigward it-tielet talba attrici, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, jekk kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-tieni talba attrici allura f’tali kaz l-esponenti huwa dispost li jhallas manteniment ghat-tifel, dejjem *tenendo* kont u kemm tal-bzonnijiet tat-tifel kif ukoll l-introjtu kemm ta’ l-esponent kemm ta’ l-attrici stess. Ghar-rigward it-talba ta’ manteniment ghall-attrici din qed tigi kontestata ghar-ragunijiet fuq gja’ spjegati; f’dan ir-rigward ukoll l-esponenti m’ghandux ibaghti l-ispejjez;

4. Illi ghar-rigward ir-raba’ eccezzjoni, l-esponenti jaqbel li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, pero’ bid-differenza li jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati mill-ligi; rigward in-nomina ta’ perit biex jillikwida u jipproponi pjan ta’ qsim, l-esponenti jopponi tali talba billi l-assi in

kwistjoni huma tant zghar li ma jiggustifikawx tali spiza, f'dan ir-rigward ukoll l-esponenti m'ghandux ibaghti l-ispejjez;

5. Illi rigward il-hames talba attrici, dina qed tigi kontestata billi mhux minnu li l-attrici ghandha jew kellha xi proprjeta' parafernali jew xi flus, u f'dan il-kaz ukoll l-esponenti m'ghandux ibaghti l-ispejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 21 tal-process.

Rat il-verbal tat-23 ta' Gunju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Assistent Gudizzjarja biex tigbor il-provi.

Rat in-nota tal-attrici tat-12 ta' Settembru 2000 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess a fol. 21 sa 29 tal-process.

Rat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili Numru 646/97 fuq istanza tal-konvenut a fol. 26 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta' Dicembru 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 28 ta' Frar 2001 fejn talbet li jigi varjat id-digriet tas-Sekond' Awla tal-25 ta' Mejju 1999, liema talba fin-nuqqas ta' risposta giet milqugha minn din il-Qorti diversament presjeduta b'digriet tal-Qorti tat-28 ta' Frar 2001 fejn l-access ghall-istess minuri mill-konvenut gie varjat minn nhar ta' Hadd, darba iva u darba le mill-10:00 a.m. sal-5:00 p.m. u meta jkollu l-Hadd darba nhar ta' Tlieta u l-Hamis mill-5:15 p.m. sas-7:00 p.m. u l-gimgha ta' wara kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha mill-5:15 p.m. sas-7:00 p.m. u minflok sar darba kull gimgha s-Sibt bejn l-10:00 a.m. u 5:00 p.m. u l-gimgha ta' wara l-Hadd mill-10:00 a.m. sal-5:00 p.m. (fol. 31, 32 – fol. 35).

Rat in-Nota tal-konvenut datata 17 ta' Lulju 2002.

Rat il-verbali tat-3 ta' Lulju 2001; tat-30 t'Ottubru 2001; tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tal-15 ta' Mejju 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) gurnata mid-data tal-konkluzjoni tal-provi attrici.

Rat in-noti tal-konvenut, dik datata 17 ta' Lulju 2002 u ohra datata 19 t'Awissu 2002 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, ta' missieru Joseph Vella, t'ommu Teresa Vella u ta' ohtu Mary Grace Sammut.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 26 t'Awissu 2002 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-istess gurnata.

Rat in-nota tal-konvenut tas-6 ta' Settembru 2002 kif rikjest bid-digriet precedenti tal-Qorti.

Rat il-verbal tad-29 t'Ottubru 2002 fejn il-Qorti halliet ir-rikors tas-26 t'Awissu 2002 ghal digriet kamerali.

Rat in-nota tal-attrici tat-12 ta' Settembru 2000 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha.

Rat id-digriet kamerali tas-17 ta' Frar 2003 ghar-rikors tas-26 t'Awissu 2002.

Rat il-verbal tal-4 ta' Marzu 2003 fejn Dr. Emy Bezzina ghall-konvenut iddikjara li dwar komunjoni m'hemm xejn x'jigi deciz; li l-konvenut m'ghandux interess fil-kera ta' dak li kien il-fond matrimonjali; li l-konvenut qed jippretendi access adegwat ghall-minuri almenu tliet (3) darbiet fil-gimgha u anke li jorqod mieghu; u li l-istess konvenut qed jippretendi li jhallas Lm20 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri. Dr. Greta Mifsud Agius ghall-attrici ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum l-1 t'Ottubru 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotti, kemm bl-affidavit u kemm *viva voce* quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Audrey Demicoli.

Rat id-dokumenti l-ohra esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni istitwieta mill-attrici kontra l-konvenut fejn hija qed tallega li l-konvenut assoggetta ghall-mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji abbandun, u theddid da parte tal-konvenut, kif ukoll inkompatibbilta' ta' karattru. Min-naha tieghu l-konvenut jakkuzza lill-attrici bi glied, abbandun, traskuragini, theddid, vjolenza u mohqrija *stante* li fost affarijiet ohra ma kenitx thallih iqatta' hin mat-tifel taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg partijiet jaghtu verzjonijiet konfliggenti ghal xulxin ghar-ragunijiet ghaliex sfaxxa dan iz-zwieg, u l-istess jaghmlu l-familjari tal-partijiet, specjalment il-genituri tal-istess, li sfortunatament kif jigri diversi drabi f'dawn il-kazi, ix-xhieda taghhom tkun immirata kwazi kollha kemm hija kontra r-ragel ta' binthom, jew il-mara ta' binhom; certament fatt li ma jghinx is-sitwazzjoni u dan il-kaz huwa wiehed minnhom fejn raguni serja ghaliex dan iz-zwieg ma sehhx kien il-konflitti li kienu jezistu bejn il-genituri tal-attrici u l-konvenut, li kienu serji, u l-konflitti li kienu jezistu min-naha l-ohra bejn il-familjari tal-konvenut u l-attrici, fejn jidher li dawn iz-zewg settijiet ta' familji qatt ma raw ghajn ma' ghajn mal-konjugi ta' wliedhom rispettivi. Fil-fatt jidher li b'xi mod jew iehor, anke peress li l-istess partijiet ma kienux gharfu jghixu hajjithom wahedhom u flimkien, il-genituri tal-partijiet ma gharfux juzaw id-diskrezzjoni necessarja sabiex il-partijiet odjerni jkunu jistghu jaghmlu d-decizjoni flimkien, u anke b'nuqqas serju minn kull wahda mill-partijiet, li kwazi immankabbilment kienu jdahhlu lill-genituri taghhom fil-litigji ta' bejniethom, dawn baqghu

jkunu sors ta’ disgwid bejn l-istess kontendenti, sakemm fl-ahhar l-istess zwieg sfaxxa.

Illi pero’ din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex tiddeciedi min mill-partijiet, jekk mhux it-tnejn kien responsabbli ghal dan it-tkissir taz-zwieg, u ghalkemm is-sitwazzjoni fuq spjegata certament ma tghinx, altimament ir-responsabbilta’ ta’ dan il-falliment taz-zwieg trid tigi attribwita lil xi parti mill-kontendenti jew lit-tnejn, *stante* li fl-ahhar mill-ahhar iz-zwieg kien taghhom, u huma kienu l-unici persuni responsabbli ghall-istess.

Illi mill-provi prodotti, kemm ta’ naha u kemm ta’ ohra, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien principarjament responsabbli ghat-tkissir tal-istess zwieg, *stante* li jirrizulta li gie ppruvat ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti fil-grad rikjest mill-ligi bhala prova, li l-istess konvenut kien diversi drabi vjolenti lejn martu b’diversi mod inkluz dak fiziku, u dan apparti l-fatt li huwa pprova jaghmel minn kollox sabiex lill-attrici jiddomina f’kollox, u ma kien ihalli xejn ghaliha sabiex tiddeciedi, u sahansitra kien imur maghha sabiex taghmel ix-xirja, u dan apparti li mhux darba jew tnejn li l-istess attrici kellha tirrikorri ghand il-familja taghha sabiex tixtri lbies mhux biss ghaliha izda wkoll ghal binha. Dan kollu jinsab riportat mill-affidavit tal-attrici datat 12 ta’ Settembru 2000.

Illi huwa veru li l-konvenut innega dan kollu, pero’ fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-verzjoni tal-konvenut ma hijiex verosimili, u dak li pprova jaghmel il-konvenut kien biss attentat sabiex ipingi ruhu bhala vittma f’din il-kawza, haga li skond din il-Qorti ma rnexxilux jaghmel, tenut kont ta’ kemm ipprova jiddomina lill-attrici f’kollox, tant li ma kien ihalliha taghmel xejn bil-volonta’ taghha, u ried li jkollu assolutament kontroll ta’ kollox fuq l-attrici, haga li minnha nnfisha hija antema ghaz-zwieg. U dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt li z-zwieg huwa unjoni ta’ tnejn min-nies li jghixu ghal xulxin b’*commitment* totali, u dan jimplika necessarjament rispett lejn il-persuna l-ohra u d-dinjita’ taghha. Dan il-konvenut kien ghal kollox nieqes minnu sa minn qabel iz-zwieg, sakemm gie terminat tali

zwieg, ghaliex l-attrici litteralment ma felhitx izjed ghal dan it-tip ta’ trattament mill-konvenut.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-attrici, din il-Qorti thoss li hija wkoll kellha r-responsabbiltajiet taghha ghat-tkissir ta’ dan iz-zwieg, u dan peress li fil-pozittiv u wkoll fin-negattiv hija dahhlet wisq lill-ġenituri rispettivi fi kwistjonijiet li kienu strettament bejn il-partijiet u dan mill-bidu nett tar-relazzjoni taghha mal-konvenut, ghalkemm jidher li l-konvenut avvantagga ruhhu mill-istess fil-bidu tal-istess zwieg; jidher ukoll li l-attrici giet affettwata mill-atteggjament tal-konvenut u specjalment mill-uzu ta’ vjolenza fuqha, kemm fizika u kemm psikologika, li kawza tal-istess naturalment baghtiet sabiex tlahhaq mal-hajja ta’ kuljum tad-dar, pero’ hawn certament li din il-Qorti dan ma tistax tikkonsidrah bhala nuqqas *da parte* tal-attrici, izda effett tat-trattament hazin li l-konvenut irriserva ghall-attrici; dak li din il-Qorti tara bhala nuqqas *da parte* tal-attrici fil-konfront tal-attrici, li certament kellu l-piz tieghu fit-thassir ta’ din l-unjoni, huwa l-fatt li l-attrici tidher li ghamlet diversi atti sabiex il-konvenut ma jkunx jista’ jqatta’ hin ma’ ibnu, u b’hekk jidher li nvolviet jew ippruvat tinvolvi lill-minuri fil-litigju li kellha mal-konvenut.

Illi jidher li dan baqa’ jsir anke waqt il-kawza, fejn l-attrici taht raguni, pretest, u skuza jew ohra qed tittenta tillimita l-access li l-konvenut ghandu jkollu ghal ma’ ibnu, relazzjoni li jidher li ghandha tkun beneficcjarja ghall-istess minuri u fl-ahhar mill-ahhar ghall-interess tal-istess minuri, aktar u aktar meta jidher li bejn l-istess minuri u l-konvenut hemm relazzjoni tajba, kif jidher li hemm bejn l-attrici u l-istess minuri. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-involviment tal-istess minuri fin-natura ta’ kwistjonijiet ta’ separazzjoni bejn il-partijiet huwa fenominu li spiss jigi uzat quddiem il-Qrati taghna, u l-genituri stess li juzaw dan il-mezz ta’ konflitt qed jkunu huma li jikkawzaw hsara u dannu lill-istess ulied. Din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra qed tipprova taghmel minn kollox sabiex dan ma jithalliex isehh, anke permezz ta’ ghajuna ta’ esperti f’dan il-qasam, ghalkemm il-facilitajiet u n-nies kompetenti f’dan il-qasam ghadhom fl-opinjoni ta’ din il-Qorti mhux sufficjenti u wkoll mhux adatti sabiex jiffacjaw din il-problema rejali ta’

konflitti bejn il-mizzewgin, fejn l-ulied jintuzaw bhala ghodda kontra parti jew ohra.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-isforz li ghandu jsir huwa dejjem li quddiem u f'ghajnejn il-minuri l-partijiet jekk ma jaqblu f'xejn pero' zgur li fuq il-*benessere* tal-ulied dawn ghandhom dejjem jaqblu kemm jista' jkun sabiex jekk mhux xejn, ma jzidux mat-trawma li fiha jkun ghaddej l-istess minuri li qed jara l-genituri tieghu jinfirdu u jghixu separatament.

Illi fuq kollox dan ma ghandux jittiehed b'sorpriza tenut kont tal-fatt li tali firda taffetwa lill-ulied magorreni, taffettwa lis-socjeta' in generali, f'kull mod u f'kull qasam, tenut kont tal-fatt li l-istess socjeta' anke dik moderna, u dan anke f'kuntest lokali bhala pajjiz, fortunatament ghadha mibnija fuq il-familja. Huwa ghal dan il-ghan li din il-Qorti spiss theggeg li l-ahjar soluzzjoni ta' din il-problema anke fi stadju avvanzat tal-kawza huwa ftehim bejn il-partijiet, ftehim li f'din il-kawza partikolari, *nonostante* d-diffikulatijiet kbar fiz-zwieg bi ftit rieda tajba setgha facilment jintlahaq, izda sfortunatament ma ntlahaqx, u hawn certament li medjazzjoni anke taht id-direzzjoni gudizzjarja setghet facilment tghin sabiex twassal il-partijiet ghal tali kunsens, ghall-gid u fl-interess massimu tal-istess minuri.

Illi ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu din il-Qorti thoss li t-tentattivi li saru mill-attrici sabiex tinibixxi u twaqqaf lill-konvenut milli jkollu access ghal ibnu f'dan il-kaz partikolari kkontribwixxa ghall-pronunzjament ta' separazzjoni bejn il-partijiet u fil-konfront tad-drittijiet tal-konvenut bhala missier, anke jekk l-istess drittijiet tal-genituri huma kollha suggetti ghad-dritt tal-minuri li jigi mhares l-interess suprem tieghu gudizzjarjament, dan jammonta ghal mohqrija *da parte* tal-attrici, anke jekk hija ghandha zzomm il-kura u l-kustodja tal-istess minuri fis-sens li l-istess minuri jghix u ser jibqa' jghix maghha.

Illi dwar il-kwistjoni ta' manteniment din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li tali manteniment ghandu jigi ssoministrat mill-konvenut kemm lill-attrici u kemm lill-

istess ibnu, *stante* li jidher li l-konvenut ghandu l-unika ntrojtu f'din il-familja, u l-attrici kull ma qeghda tircievi hija biss ghajnuna socjali peress li l-manteniment attwalment ipprovdut mill-konvenut ta' tletin lira Maltija (Lm30) ma huwiex bizzejjed ghall-ghixien tal-istess minuri u l-attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ahhar paga li giet esebita kienet dik datata 26 ta' Lulju 2002 fejn il-konvenut jidher li ghandu Lm311.43 nett fix-xahar li minnhom *pendente lite* kien qed ihallas Lm120 kull erba' (4) gimghat lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghal binha; minbarra dan gew esebiti formoli tal-F.S.S. fejn juri l-qliegh tal-konvenut ghas-snin 1999, 1998, u 1997, fejn jirrizulta li l-introjtu tal-konvenut kemm-il darba kien izjed anke minhabba *allowances* u *overtime* li kien jaghmel apparti konsiderazzjonijiet ohra u aggustamenti li jigu japplikaw minn zmien ghal zmien.

Illi l-Qorti fuq l-iskorta tal-istess provi thoss li l-konvenut ghandu jissoministra manteniment lill-attrici fl-ammont ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha u (Lm15) hmistax-il lira Maltija ohra fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri. Ghalhekk din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal binha minuri l-ammont ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha, liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-istess konvenut mill-*employer tieghu* u l-Awtorita' kompetenti li tohrog il-paga tal-konvenut u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha, u l-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika lill-istess *employer* u Awtorita' kompetenti b'kopja legali ta' din is-sentenza, u tordna lill-istess *employer* u Awtorita' kompetenti sabiex jaderixxu ruhhom ma' dak hawn ordnat mid-data tal-istess sentenza.

Illi kwantu ghall-kura u l-kustodja tal-istess minuri din ghandha tigi fdata f'idejn l-istess attrici, b'dan li l-minuri ghandu jkompli jirresjedi mal-attrici, izda l-konvenut ghandu perjodikament u b'mod dejjem dicenti jibqa' nformat fuq l-istat ta' sahha, il-livell ta' edukazzjoni u l-istat generali tal-istess minuri u l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-awtoritajiet edukattivi u tas-sahha kollha li

jkunu qed jiehdu hsieb il-minuri ghall-informazzjoni dwar l-istess minuri, ovvjament kollox ezercitat b'mod ghal kollox dekoruz u fl-interess tal-istess minuri.

Illi l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri darbtejn fil-gimgha u cjoe' kull nhar ta' Erbgha u l-Gimgha bejn il-5:00 p.m. u s-7:00 p.m. u kull nhar ta' Hadd bejn l-10:00 a.m. sas-6:00 p.m., b'dan li fir-raba' gimgha ta' kull xahar l-access minflok il-Hadd jigi ezercitat nhar ta' Sibt fl-istess hinijiet. L-istess minuri jittiehed u jingieb ghall-access minn fejn ir-residenza tal-istess minuri mal-attrici, b'dan li f'kull hin il-partijiet ghandhom jagixxu b'mod ghal kollox dicenti specjalment quddiem l-istess minuri. Illi l-istess access u kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi ezercitata minn kull parti kif hawn inghad bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma hijiex parti mill-familja tal-partijiet rispettivi, u li f'kull waqt kull parti u l-persuni prezenti quddiem l-istess minuri ma ghandhomx jirreferu ghall-genitur l-iehor jew b'xi mod isemmu lill-genituri l-iehor b'xi mod negattiv jew dispreggjanti. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez tal-attrici *inter alia* lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-informazzjoni tieghu salv dak deciz fil-parti dispozittiva tal-istess sentenza.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti din il-Qorti tordna li l-istess tigi xolta b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u tillikwida l-istess u tiddikjara li tikkonsisti fil-kirja tal-fond 38, Triq San Lawrenz, Birgu, kamra tas-sodda, *fridge, television*, oggetti tat-tfal, *stereo* u *washing machine* u xi *toys* tat-tfal, u anke in vista tad-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-affidavit tieghu datat 19 ta' Awissu 2002, fejn huwa ddikjara li ma ghandux interess fl-istess, din il-Qorti tassenja l-oggetti kollha hawn indikati lill-attrici, b'dan li b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-kera tal-istess fond tithallas mill-attrici; dwar l-arretrati ta' kera sad-data ta' din is-sentenza dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut, mentri l-kontijiet ta' dawl u ilma u l-kera ta' tali servizzi ghal dak li huma arretrati ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet u mid-data ta' din is-sentenza mill-istess attrici. Illi dwar l-ammont ta' flus imsemmija mill-attrici, ma jirrizultax li l-istess allegazzjoni giet sostanzjata mill-provi

u ghalhekk dwar l-istess din il-Qorti tichad il-vantazzjoni tal-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma nkompattibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** pero' fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti principalment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, u theddid *da parte* tal-konvenut, u subordinatament u b'responsabbilta' ta' gravita' minuri anke minhabba mohqrija *da parte* tal-attrici fil-konfront tal-konvenut, b'dan li minhabba l-agir tal-istess konvenut principarjament u sussidjarjament minhabba l-agir tal-attrici, kif fuq spjegat, iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Redeemer fuq imsemmi lill-attrici, b'dan li l-minuri ghandu jkompli jirresjedi mal-attrici, izda l-konvenut ghandu perjodikament u b'mod dejjem dicenti jibqa' nformat fuq l-istat ta' sahha, il-livell ta' edukazzjoni u l-istat generali tal-istess minuri, u l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-awtoritajiet edukattivi u tas-sahha kollha li jkunu qed jiehdu hsieb il-minuri ghall-informazzjoni dwar l-istess minuri, ovvjament kollox ezercitat b'mod ghal kollox dekoruz u fl-interess tal-istess minuri.

Illi l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri darbtejn fil-gimgha u cjoe' kull nhar ta' Erbgha u l-Gimgha bejn il-5:00 p.m. u s-7:00 p.m. u kull nhar ta' Hadd bejn l-10:00 a.m. sas-6:00 p.m., b'dan li fir-raba' gimgha ta' kull xahar l-access minflok il-Hadd jigi ezercitat nhar ta' Sibt fl-istess hinijiet. L-istess minuri jittiehed u jingieb ghall-access minn fejn ir-residenza tal-istess minuri mal-attrici, b'dan li f'kull hin il-partijiet ghandhom jagixxu b'mod ghal kollox dicenti specjalment quddiem l-istess minuri.

Illi l-istess access u kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi ezercitata minn kull parti kif hawn inghad bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-partijiet rispettivi, u li f'kull waqt kull parti u l-persuni prezenti quddiem l-istess minuri ma ghanhdomx jirreferu ghall-genitur l-iehor jew b'xi mod isemmu lill-genituri l-iehor b'xi mod negattiv jew dispreggjanti.

Tordna li l-istess minuri ma ghandux jittiehed 'il barra minn dawn il-Gzejjer minghajr il-kunsens bil-miktub taz-zewg genituri u fin-nuqqas minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti. Tordna li kopja ta' dan is-sentenza tigi notifikata a spejjez tal-attrici lill-Kummissarju tal-Pulizija, Kontrollur tad-Dwana u lill-Ufficjal Inkarigat tal-Passaporti ghall-informazzjoni taghhom.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat ghall-attrici u ghat-tifel minuri taghha fl-ammont ta' ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha ghall-attrici u hmistax-il lira Maltija ohra (Lm15) fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri, u ghalhekk konsegwentement din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall binha minuri l-ammont ta' hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha, liema ammont ghandu jitnaqqas kull xahar bil-quddiem direttament mill-paga tal-istess konvenut mill-*employer tieghu* u l-Awtorita' kompetenti li tohrog il-paga tal-konvenut,  u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha.  Il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika lill-istess *employer* u Awtorita' kompetenti b'kopja legali ta' din is-sentenza, u tordna lill-istess *employer* u Awtorita' kompetenti sabiex jaderixxu ruhhom ma' dak hawn ordnat mid-data tal-istess sentenza.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tillikwida l-istess komunjoni u tiddikjara li tikkonsisti fil-kirja tal-fond 38, Triq San Lawrenz, Birgu, kamra tas-sodda, *fridge*, *television*, oggetti tat-tfal, *stereo* u *washing machine* u xi *toys* tat-tfal, u anke in vista tad-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-affidavit tieghu datat 19 ta' Awissu 2002, fejn huwa ddikjara li ma ghandux interess fl-istess, din il-Qorti

tassenja l-oggetti kollha hawn indikati lill-attrici, b'dan li b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-kera tal-istess fond tithallas mill-attrici u l-istess kera ddur fuq l-attrici. Il-Qorti tordna wkoll li ssir notifika ta' din is-sentenza a spejjez attrici lil sid il-kera. Dwar l-arretrati ta' kera sad-data ta' din is-sentenza dawn ghandhom jithallsu mill-konvenut, mentri l-kontijiet ta' dawl u ilma u l-kera ta' tali servizzi ghal dak li huma arretrati sad-data ta' din is-sentenza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet u l-konsum u kera tal-istess mid-data ta' din is-sentenza mill-istess attrici; il-konvenut huwa ordnat li b'effett immedjat jizgombra mill-istess fond.

5. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mill-lum sett borom, bjankerija u forn, u l-oggetti appartenenti lit-tifel elenkati bhala numru 4 fid-Dokument "NV1" a fol. 169 tal-process, u fin-nuqqas jigi il-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) ammont iffissat *arbitro boni viri* bhala l-valur tal-istess oggetti.

Bl-ispejjez kwantu ghal parti minn hamsa ($^{1}/_{5}$) mill-attrici u kwantu ghal erba' parti minn hamsa ($^{4}/_{5}$) mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------